

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Ottubru 2022 – LE vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-475/20) <sup>(1)</sup>

*(“Ftehim ta’ sussidju konkluż fil-kuntest tas-Seba’ Programm-Qafas għal azzjonijiet ta’ Riċerka, ta’ Żvilupp Teknoloġiku u ta’ Dimostrazzjoni (2007-2013) – Noti ta’ debitu maħruġa mill-Kummissjoni għall-irkupru ta’ sussidji mogħtija permezz ta’ kuntratt – Deċiżjoni li tikkostitwixxi titolu eżekuttiv – Artikolu 299 TFUE”)*

(2023/C 7/27)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: LE (rappreżentant: M. Straus, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. André, J. Estrada de Solà u S. Romoli, aġenti)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 3988 final tad-9 ta' Ġunju 2020 dwar l-irkupru ta' ammont prinċipali ta' EUR 275 915,12 mingħandha.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) LE hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi dawk relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.

<sup>(1)</sup> ĠU C 414, 30.11.2020.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Ottubru 2022 – Ighoga Region 10 et vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-582/20) <sup>(1)</sup>

*(“Għajjnuna mill-Istat – Kostruzzjoni ta’ lukanda u ta’ ċentru tal-kongressi f’Ingolstadt – Deċiżjoni li tikkonstata l-assenza ta’ għajjnuna mill-Istat – Drittijiet proċedurali tal-partijiet interessati – Assenza ta’ ftuħ tal-proċedura ta’ investigazzjoni formali – Assenza ta’ diffikultajiet serji”)*

(2023/C 7/28)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Interessengemeinschaft der Hoteliers und Gastronomen Region 10 eV (Ighoga Region 10) (Ingolstadt, il-Ġermanja), MJ, MK (rappreżentant: A. Bartosch, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Stromsky u K. Blanck, aġenti)

Intervenjent insostenn tal-kovenuta: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentant: J. Möller, aġent)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħhom ibbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti jitolbu l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2020) 2623 final tat-28 ta' April 2020 li tiddikjara, fi tmien il-faży ta' eżami preliminari fil-proċedura fil-qasam tal-għajjnuna mill-Istat SA. 48582 (2017/FC), li l-miżuri ddenunzjati fl-ilment ippreżentat fl-4 ta' Lulju 2017 minn Ighoga Region 10 dwar il-kostruzzjoni li kienet għaddejja taċ-ċentru għal kongressi ta' Ingolstadt (il-Ġermanja) u ta' lukanda fil-viċinanza ma kinux jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat implimentati mill-Ġermanja favur il-grupp Maritim u KHI Immobilien GmbH.